MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 266/2005/2

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**vs**

**Alfred Caruana u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Gaston Caruana u Rachelle Caruana *stante* l-mewt ta' Alfred Caruana.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datat 10 ta' April 2009 a fol. 70 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponent qieghed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha trodna t-thassir tas-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet premessi u r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-istadju tal-appell.

Illi l-prezenti talba ghal ritrattazzjoni hija bazata fuq il-**paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kap 12** li jghid hekk:-

*"811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*omissis*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;"*

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma s-segwenti:

Illi r-ritrattat Alfred Caruana baghat 'returns' lill-esponent ghas-snin ta' stima 1987, 1988, 1989 u 1990 fejn accetta illi l-qliegh tieghu fl-istess snin in kwistjoni kien jesponih ghall-hlas tal-ammont globali ta' taxxa fuq id-dhul mitlub f' din il-kawza (u cioe Lm1,885).

Illi meta rcieva l-kontijiet relattivi tat-taxxa fl-1994 r-ritrattat ma oggezzjonax ghalihom u dawn ghalhekk saru finali u konklussivi u kienu jeradikaw titolu ezekuttiv favur il-Kummissarju.

Illi fit-13 ta' April 2005 id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni baghat ittra ufficjali lir-ritrattat fejn talab il-hlas tas-somma dovuta liema ittra ufficjali nharrget ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv *ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** li jghid hekk:

*"40. (1) Dan li gej jikkostitwixxi titolu ezekuttiv skont u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jigifieri:*

*(a) l-avviz imsemmi fl-artikolu 73 (4) (c) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income*

*(b) l-avviz imsemmi fl-**artikolu 23 (7);***

*(c) l-istima finali u konkluziva msemmija fl-**artikolu 38;***

*(d) l-avviz imsemmi fl-**artikolu 42(6);***

*(e) l-avviz imsemmi fl-**artikolu 43 (6);***

*(f) l-avviz imsemmi fl-**artikolu 46 (1)** u l-avviz ta' stima u t-talba maghmula bil-miktub minn idejn il-Kummissarju msemmija fl-artikolu 46(3):*

*Izda hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (f), il-procedura stabbilita fl-**artikolu 44 (1) (b)** ghandha tigi mharsa fil-kazijiet kollha qabel ma jigi nfurzat il-hlas bis-sahha ta' dak it-titolu."*

L-**artikolu 44 (1) (b) tal-Kap 372** jghid hekk:

*"44. (1) Jekk xi taxxa li ghandha tithallas fiz-zminijiet stabbiliti fis-**subartikoli (1) jew (2), fis-subartikolu (3) (a) u (b), fl-artikolu 42, fl-artikolu 43(1), u fl-artikolu 45 jew fl-artikolu 9A(8) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income** ma tithallasx fil-perijodu rilevanti-*

*omissis*

*(b) il-Kummissarju ghandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna intaxxata, u jekk ma jsirx il-hlas fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jipprocedi ghall-infurzar tal-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fl-**artikolu 40** wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni ghall-hlas maghmula permezz ta' att gudizzjarju, jew kif hawn 'il quddiem provdut;"*

Wara li l-istess ittra ufficjali giet debitament notifikata, r-ritrattat ghamel rikors fil-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Mejju 2005 fejn talab lil dik il-Qorti biex "tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni riportata fl-ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005" peress illi huwa allega li kien

hallas u ‘inoltre’ allega wkoll illi l-ammont reklamat kien preskritt fit-termini tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372**.

L-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372** jghid hekk:

*“(2) Salv kif xort’ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-* ***artikolu 30 (5)*** *u tal-**artikolu 31 (7)**, l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva.*

*(3) Iz-zmien imsemmi fis-**subartikolu (2)** jitwaqqaf b’talba ghal hlas notifikata permezz tal-posta registrata mill-Kummissarju jew b’att gudizzjarju prezentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iz-zmien li fihom jintalab il-hlas tal-ammont dovut*

*(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-**subartikoli (2) u (3)** ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja ddisposizzjonijiet ta’ dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, mghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru, 2005.*

Illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati tat-30 ta’ Mejju 2006 it-talbiet tar-ritrattat gew michuda.

Illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta’ Jannar 2007 gie milqugh l-appell tar-ritrattat u b’ hekk giet imhassra s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta’ Mejju 2006.

Illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddecidiet illi “Konsegwentement tilqa’ t-talba kif dedotta mill-appellanti fir-rikors promotur tieghu billi tiddikjara bhala preskritta t-talba tal-Kummissarju appellat fl-ittra ufficjali tieghu tat-13 ta’ April 2005 *ai termini* tal-**artikolu *47* (2) tal-Kapitolu**

**372**. *Stante* n-novita` tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.”

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta’ Jannar 2007 u qieghed jitlob illi l-istess sentenza tigi mhassra u li l-kawza fl-istadju tal-appell tigi ritrattata kif fuq spjegat.

Illi l-motivi li ghalihom qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna huma s-segwenti: -

1. Illi filwaqt illi ddikjarat illi “*F’dan il-kumpless kollu tal-principji affermati tad-dritt u wkoll fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti din il-Qorti tara li f’dan il-kaz partikolari, u l-Qorti taghmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabilita` d-dispost tas-**subinciz (4)** tal-**artikolu 47** izda pjuttost dak tas-**subinciz (2)** tal-istess artikolu.”* l-Qorti ghaddiet biex naqqset milli tapplika t-termini tas-**subartikolu (3) tal-Artikolu 47** liema subartikolu huwa fil-fatt haga wahda mal-imsemmi **subartikolu (2)** billi jipprovdi illi *“Iz-zmien imsemmi fis-**subartikolu (2)** <u>jitwaqqaf</u> b’talba ghal hlas notifikata permezz tal-posta registrata”.*

Illi ladarba l-Qorti accettat ix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni Ludgardo Mercieca moghtija fl-udjenza tal-1 ta’ Frar 2006 (u skartat ix-xhieda ghall-kuntrarju tar-ritrattand moghtija fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru 2005) u waslet ghal konkluzjoni fis-sens illi *“l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994”* hija kienet allura obbligata illi ma tapplikax is-**subartikolu (2) tal-Artikolu 47 (Kap 372)** fl-izolament izda kellha tapplika l-istess subartikolu, *se mai*, fid-dawl tad-dispost tas-**subartikolu (3)** illi jipprovdi illi malli ssir talba bil-posta registrata u tigi notifikata lit-*taxpayer* il-perijodu in kwistjoni ‘jitwaqqaf’.

Il-kelma ‘jitwaqqaf’ kif uzata wahedha fl-**artikolu 47 (3)** tfisser illi l-effetti tat-terminu ghat-tehid ta’ azzjoni taht l-imsemmi artikolu ma jibqghux jghoddu ladarba l-Kummissarju ikun wera interess illi jigbor l-ammont in

kwistjoni anke billi semplicement jaghmel talba ghall-hlas bil-posta registrata.

Huwa rilevanti wkoll illi l-**artikolu 47** imkien ma jsemmi l-kelma ‘preskrizzjoni’ u ghalhekk ma ghandhomx jigu applikati ghalih il-principji tal-preskrizzjoni.

Illi kif huwa universalment risaput kull persuna taxxabbli kull sena tircievi kont minn ghand id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni mhux biss ghal dak dovut dwar l-ahhar sena ta’ stima izda wkoll dwar snin ohra antecedenti li dwarhom dik il-persuna jkun ghad fadlilha taghti xi bilanc.

Huwa ghalhekk car illi l-legislatur ried illi t-taxxi ma jkunux dovuti u li l-Gvern jitlef id-dritt li jigborhom abbazi tal-**artikolu 47 (2)** biss fil-kazijiet meta d-Dipartimenet tat-Taxxi Nterni jonqos li jitlob dawk it-taxxi ghall-inqas ghal darba wahda matul iz-zmien stipulat fl-**artiklou 47 (2).**

F’dan il-kaz dik it-talba saret u apparti minn hekk id-Dipartiment baghat kont lir-ritrattat kull sena fejn talab il-hlas taghha.

Ghalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Qorti applikat l-**artikolu 47(2)** hazin f’dan il-kaz u illi l-kwistjoni kollha dwar l-applikabbilta` u l-kostituzzjonalita *o meno* tal-**artikolu 47 (4),** trattata aktar ‘l isfel f’dan ir-rikors, qamet inutilment.

(2) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Jannar 2007 il-Qorti assumiet ir-rwol rizervat ghall-Qrati fil-mansjonijiet taghhom Kostituzzjonali u espressament cahdet illi tapplika s-**subartikolu (4) tal-Artikolu 47 tal-Kap 372** abbazi ta’ principju generali ta’ natura kostituzzjonali u ta’ dritt fondamantali, minkejja illi l-istess artikolu huwa car dwar il-mod kif jirregola z-zmien meta tista’ ssir l-azzjoni ghall-gbir tat-taxxa.

Illi l-esponent jissottometti illi c-certezza tad-dritt tirrikjedi illi l-Qrati fil-mansjoni ordinarja taghhom japplikaw il-ligi ordinarja kif inhi u ma jirrifjutawx li japplikawha minhabba

illi jidrilhom illi din tivvjola xi principju ta’ natura fondamentali jew Kostituzzjonali. Ghal tali sitwazzjoni hemm provdut ir-rimedju tar-referenza kemm fl-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** kif ukoll fl-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319**.

Dan ir-rimedju huwa wkoll necessarju illi jsir aditu ghalih sabiex jigi rispettat id-dritt ghas-smigh xieraq billi tinghata opportunita` lill-partijiet biex jittrattaw il-kwistjoni rifrerita purament mil-lat ta’ drittijiet fondamentali u mhux jittrattaw abbazi tal-ligi ordinarja mbaghad jiskopru fis-sentenza illi l-ligi ordinarja giet imwarrba favur principji fondamentali jew Kostituzzjonali.

L-esponenti ghalhekk ukoll jissottomettu illi n-nuqqas ta’ applikazzjoni tal-**artikolu 47** fit-totalita` tieghu jikkostitwixxi applikazzjoni hazina ta’ ligi anke jekk sar minhabba li l-Qorti deherilha li, jekk applikat fit-totalita` tieghu, l-istess artikolu kien se jivvjola xi principju fondamentali.

Huwa car illi mansjoni tal-Qrati fil-gurisdizzjoni ‘ordinarja’ taghhom ma tinkludix l-abrogazzjoni tal-ligijiet.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti ukoll illi n-nuqqas ta’ rispett tad-dritt tal-legislatur illi jillegisla b’mod illi jtawwal perijodu li fih tkun tista’ tittiehed azzjoni meta ma hemm xejn anti-Kostituzzjonali fl-ezercizzju ta’ dan id-dritt ukoll, fih inniffsu, jeradika d-difett tal-applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza in kwistjoni.

Dan wisq izjed meta l-istess sentenza irrikonoxxiet id-dritt tal-legislatur illi jillegisla anke b’mod retroattiv (*“Ma jidherx li hemm kwistjoni fuq dak li qieghed jghid il-Kummissarju li l-Kostituzzjoni taghna, ad eccezzjoni u limitatament fil-kaz ta’ ligijiet ta’ indoli kriminali, ma tipprojbix il-promulgazzjoni mil-legislatur ta’ ligijiet jew disposizzjonijiet retroattivi. Jinsab ritenut di fatti illi “... hadd ma jista’ jichad lill-legislatur dan il-poter, sakemm il-ligi tohrog mill-organu kompetenti u bil-formalitajiet li jmissha; u, bhal ligijiet ohra, it-tribunali huma tenuti japplikawha” (“Neg.* ***John Coliero nomine vs Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier nomine et”,***

*Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1957;)* u meta f'dan il-kaz il-legislatur ma kienx illegisla biex johloq drittijiet jew obbligi godda izda biss biex jipprovdi ghal perijodu itwal sabiex jigbor dak li huwa dovut skont il-ligi u li kien ukoll ammess mir-ritrattat *fir-returns* tieghu stess li ghandu jaghti.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi fuq il-pjan tal-principji u d-drittijiet fondamentali l-esponent jissottometfi wkoll illi l-Qorti applikat il-ligi hazin billi naqset illi tiehu in konsiderzazzjoni l-fatt illi l-preskrizzjoni hija mod ta' tehid ta' proprjeta` minghajr kumpens u dan b'interferenza mad-dritt tal-proprjeta` li huwa wkoll dritt fondamentali. Illi fil-fehma tal-esponent dan kellu ghall-inqas iwassal lill-Qorti sabiex ma tikkunsidrax il-preskrizzjoni bhalllikieku din kienet xi dritt fondamentali fiha nnifisha u tapplika l-ligi abbazi ta' tali premessa.

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti, jitob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u *ai termini* tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** thassar s-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007 u tirritratta l-istess.

Rat ir-risposta ta' Alfred Caruana ghar-rikors datata 10 ta' April 2007, a fol 78 tal-process fejn espona:-

1. Illi *in linea* prelimininari n-nullita` tar-rikors ghar-ritrattazjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi u dan minhabba illi fuq punt legali l-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqas milli josserva mal-presentata tar-rikors tieghu taht l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta** milli josserva dak li jistipula l-**artikolu 815** u dan peress illi mar-rikors li qed jigi trattat presentat fl-10 ta' April 2007, ma' inghatat ebda garanzija kif ghandu jsir. Illi l-artikolu citat jghid hekk:-

*"Fil-Qrati* superjuri *u fll-qrati inferjuri, it-talba ghar-ritratazzjoni f'qorti tal-ewwel grad ghandha ssir b'rikors guramentat u quddiem il-qorti fi grad ta' appell b'rikors;*

*flimkien mal-presentata tar-rikors ghandha tinghata l-garanzija ghall-ispejjez skont l-artikolu 249"*

Illi huwa car illi l-garanzija ghall-ispejjez ghandha ssir mal-presentata tar-rikors u mhux fi stadju wara, u *inoltre* li din l-kundizzjoni timpingi fuq il-koretezza *o meno* tal-procedura uzata. Illi l-esponenti jikkontendi b'rispett illi gialadarba mal-presentata tar-rikors ma saritx u ma nghatatx il-garanzija ghall-ispejjez, allura r-rikors odjern huwa proceduralment monk. Illi l-artikolu kwutat ukoll in kwantu ghal din l-garanzija ghall-ispejjez rikjesta ma jaghmilx distinzjoni, bejn proceduri quddiem il-Qorti tal-Appel (Superjuri) u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u ghalhekk ladarba l-legislatur ma jitkellimx dwar xi distinzjoni bejn dawn iz-zewg qrati, isegwi li anke quddiem il-Qorti odjerna dak li hemm postulat fl-**artikolu 248 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** kwantu ghal garanziji tal-ispejjez ghandu japplika fil-kaz odjern quddiem din l-Qorti u dana sintendi fi proceduri taht l-**artikolu 811 tal-Kap 12** kif ghandna hawn. Illi ghalhekk in kwantu biss ghal dan il-punt ta' dritt sollevat *in linea* preliminari, r-rikors ghandu jigi michud.

Illi minghajr pregudizzju ghal punt sollevat aktar 'il fuq, it-talba kif kontenuta fir-rikors ghandha wkoll tigi michuda u dan peress illi fis-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti tal-Appell ma ghamlet xejn li jista' lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jghabbih b'ragunijiet bizzejjed biex tirnexxielu ritrattazjoni taht l-**artikolu 811 (e)** kif hawn qed jigi mitlub. Illi l-esponenti jikkontendi li t-talba assolutament ma tistax tirnexxi u dan minhabba propju propju dak li jistipula l-istess artikolu li tahtu r-rikorrenti jixtieq li t-talba tieghu tirnexxi. Illi talba ghar-ritrattazjoni ghandha tigi milqugha meta l-ligi tkun applikata hazin, b'dan illi fil-*proviso* tal-istess disposizzjoni l-legislatur jaghmilha cara illi ma ghandhiex tirnexxi kawza taht dan l-artikolu minhabba illi:-

***"...basta li l-kwistjoni ma' tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni"***

Issa wiehed allura ghandu jifli u jara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta’ Jannar 2007 ezattament dwar xiex kienet. Illi minn ezami akkurat tal-istess sentenza wiehed jinnota li l-Qorti f’dik is-sentenza ghamlet studju verament approfondit dwar l-applikabilita’ *o meno* tal-**artikolu 47 (4) tal-*Kap 372* tal-Ligijiet ta’ Malta**. Illi frankament huwa car daqs il-kristall illi s-sentenza kollha kemm hija hi wahda dwar interpretazzjoni li ghamlet dik il-Qorti dwar il-korretezza guridika *o meno* tad-disposizzjoni kwotata fil-kaz in ezami. Illi l-Qorti fis-sentenza attakkata permezz ta’ din l-procedura dahlet f’kunsiderazzjonijiet approfonditi dwar il-fatt illi *in breve* l-legislatur huwa projbit milli jghaddi ligijiet biex jiddisturba b’mod retroattiv dak li huwa guridikament gia stabbilit ossia kwistjoni bhal ma’ hija l-preskrizzjoni estintiva li timmina l-azzjoni u mhux l-obbligazzjoni tal-kreditur.

Illi ghalhekk hawnhekk ma ghandhiex ir-rekwisiti li trid il-ligi biex tirnexxi t-talba ghar-ritrattazzjoni taht l-**artikolu 811 (e)** u dan peress li l-Qorti fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Jannar 2007 assolutament ma huwiex minnu li uzat il-ligi hazin, izda dik il-Qorti kull ma’ ghamlet kien li pronuncjat sentenza fuq l-interpretazzjoni dwar l-**artikolu 47 (4) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta** u sempliciment l-imsemmija sentenza ma tantx nizlet tajjeb mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li issa qed jara kif jaghmel u jiwinta u jew jipprova jakkampa ma’ kull procedura possibli biex jipprova jhassar dak li tant ghamel sens u gustizzja permess tas-sentenza li qed tigi attakata b’din il-procedura. Illi ghalhekk anke fuq dan l-punt r-rikors ghar-ritrattazjoni ghandu jigi michud.

3. Illi konsegwenza ohra ta’ dak li gie hawn fuq sottomess fil-para 2 ta’ din ir-risposta huwa dak li jghid l-**artikolu 816 tal-Kap 12** li jitratta l-kuntenut li ghandu jkun fih rikors li fin jintalab ritrattazjoni. Illi l-ahhar parti ta’ dan l-artikolu taqra hekk:-

*“...u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata”*

Illi dan il-punt huwa wkoll importani hafna u jimpingi dwar il-korretezza ta’ dak li jitlob ir-rikorrent l-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta’ dan ir-rikors li qed jigi dibattut. Illi peress illi propju propju l-Qorti ma’ ghamlet ebda applikazzjoni hazina fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Jannar 2007, izda kull ma’ ghamlet kien li tat interpretazzjoni dwar l-applikabbilta` *o meno* tal-**artikolu 47 (4) tal-Kap 372**, *(ergo xi haga assolutament eskluza taht dak li jistipula l-****artikolu 811 e tal-Kap 12)*** ir-rikorrenti sab ruhu f’sitwazzjoni fejn ma setax fir-rikors tieghu jaghmel dak li jghid l-**artikolu 816** fl-ahhar parti tieghu ossia li jsemmi l-ligi li messha giet applikata. Illi r-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni f’ebda mument ma’ jirreferi ghal liema ligi l-Qorti kien imissha applikat biex tkun korretta, izda ir-rikors kull ma’ jaghmel jghid ghaliex skont ir-rikorrenti l-Qorti kien zbaljata meta kkunsidrat u ddecidiet li l-**artikolu 47 (4)** ma kienx japplika ghal kaz in ezami, altru milli jsemmi liema kellha tkun il-ligi korretta li kellha tigi applikata. Illi mela l-esponenti qed jissottornetti b’rispett li (a) peress li s-sentenza msemmija kienet titratta biss kwistjoni ta’ interpretazzjoni l-istess talba taht l-**art 811 (e)** gia ma tistax tirnexxi u *inoltre* u per konsegwenza, peress li kull ma’ kien hemm fis-sentenza kien propju decizjoni dwar interpretazzjoni r-rikorrenti sab ruhu f’sitwazzjoni legali fejn ma jistax (b) jissodisfa dak li jistipula l-**artikolu 816** fl-ahhar parti tieghu u jissostanzja t-talba tieghu billi jikkwota l-ligi t-tajba li kellha tigi applikata. Illi ghalhekk huwa wkoll car skont l-umli fehma tal-esponenti li r-rikors odjern ghandu jigi michud.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dawn is-sottomissjonijiet moghtija f’din l-umli risposta, dwar il-mertu u f’kaz illi f’pessima ipotesi il-punti s’issa sollevati ma jigux akkolti, l-esponenti jikkontendi illi dak li kkunsidrat l-Qorti fis-sentenza taghha huwa kollu kemm hemm huwa korrett u f’ ebda mument wiehed ma jista jghid li f’dik is-sentenza kien hemm xi zball fl-applikazzjoni tal-ligi. Illi mhux biss izda l-esponenti jissottometti b’kull rispett lejn ir-rikorrenti Kummissarju tat-Taxxi Interni illi meta wiehed jara s-sentenza ‘n kwistjoni wiehed ma’ jistax ma jinnotax il-profondita` tal-hsieb li uzat il-Qorti biex waslet ghal konkluzjonijiet taghha u *inoltre* l-istudju ta’

gurisprudenza, mhux biss lokali izda addirittura estera u anke dik tal-Komunita Ewropea, sabiex isejjes ahjar il-kunsiderazzjoni li saru. Illi l-esponenti ma huwiex a skans ta' repetizjoni ser jidhol fil-mertu tas-sentenza u jiddefendi r-ragunijiet dwar 'l ghaliex jikkontendi li l-Qorti kellha r-ragun tasal ghal konkluzjoni li waslet fuqha u dan ghaliex il-qari nnifsu tas-sentenza 'n kwistjoni certament li jaghti spjega altru milli cara u ezawrijenti tas-suggett li kien dibattut f'din l-kawza. Illi l-istess ragunament uzat fis-sentenza 'n kwistjoni ixejjen kompletament il-punti li qajjem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rikors tieghu bit-talba odjerna taht l-**art. 811(e).**

5. Illi finalment l-esponenti ma jistax u ma jiflahx ma jikkummentax dwar il-fatt li s-sentenza in kwistjoni kienet inghatat publicita` kbira u jidher li nizlet tajjeb ferm mas-socjeta` f'kull livell taghha. Illi c-cittadini (u dan qed jinghad ghaliex wara kollox il-qrati taghna qeghdin hemm biex jaghmlu gustizzja fis-socjeta`) mhux talli ma fehmux illi saret applikazzjoni hazina tal-ligi permezz ta' din s-sentenza, izda anzi fehmu l-kuntrarju u cioe' l-importanza tal-indipendenza tal-qrati taghna minn l-ezekuttiv, u dan peress illi biex jikkoreggi nuqqasijiet tieghu, l-istess introduca bhala ligi dak li jistipula l-**art. 47 (4) tal-Kap 372** u dan bi pregudizzju kbir ghal persuni bhal l-esponeriti u minghajr ebda kunsiderazjoni ta' xejn dwar il-fatt li dak li huwa guridikament stabbilit (ossia f'dan il-kaz il-preskrizzjoni estintiva) ebda ligi anke jekk tkun retroattiva ma' tista' tirrijattivah. Illi n-nies fehmu li bl-interpretazzjoni taghha l-Qorti gabet fix-xejn l-attitudni li temani minn l-introduzzjoni tal-**artikolu 47 (4)** illi l-Gvern, jekk jonqos milli josserva l-ligi xorta wahda jista' meta jrid huwa jghaddi ligi biex jillegittima n-nuqqasijiet tieghu a skapitu ta' persuni bhal esponenti, li l-uniku rimedju taghhom jistghu jottjenuh minn dawn il-Qrati kif fil-fatt gara. Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti b'rispett li l-Qorti kienet altru milli korretta fis-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007 ghaliex il-gustizzja ghandha ssir mhux biss fil-kawza kontra u bejn l-individwi, izda l-Qrati taghna huma indipendenti bizzejjed illi anke meta *si tratta* ta' kwistjoni bejn l-individwu u l-*establishment,* indipendentement mill-konsegwenzi li tista' ggib maghha sentenza bhal din,

huwa vitali u importanti li nsegwu d-dotrini tal-ligi sabiex jigi assigurat li hadd ma jahseb li b'daqqa ta' pinna u semplici introduzzjoni ta' avviz legali jew emenda fil-ligi, wiehed jista' bazikament jaghmel li jrid.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn li jistghu jinghataw waqt it-trattazzjoni ta' dan r-rikors, l-esponenti jitlob li t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif kontenuti fir-rikors tieghu tal-10 ta' April 2007 jigu michuda.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Philip Sciberras fit-3 ta' Ottubru 2007, peress illi din il-Qorti kienet ippronunzjat ruha f'din il-kawza li minnha qed issir din ir-ritrattazjoni, il-Qorti rat l-**artikolu 734 tal-Kap 12** u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u tirrimetti lura l-process lir-Registratur tal-Qati sabiex l-istess process jigi assenjat lil din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat is-surroga datata 23 ta' Ottubru 2007 fejn il-kawza giet assenjata lill din il-Qorti kif presjeduta u rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghat-23 ta' Jannar 2008.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 5 ta' Novembru 2009 a fol 113 tal-process fejn talab li tigi ordnata t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Rachelle Caruana u Gaston Caruana sabiex jkomplu l-kawza flok l-imsemmi Alred Caruana li miet fil-mori tal-kawza u dan a tenur tal-**artikolu 807 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap12)** u dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju kif rikjest, kif jidher bid-digriet moghti fil-11 ta' Novembru 2009 (fol. 120).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn hekk fejn fis-seduta tal- 25 ta' Jannar 2011 meta ssejjah l-appell dehret Dr. Victoria Buttigieg. Ir-ritrattati u Dr. Edward Gatt imsejhin diversi drabi ma dehrux. Dr.

Buttigieg trattat il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakoli ghall-31 ta' Mejju 2011

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija talba ghall-ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** li jipprovdi li:-

*"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

[…]

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi a propositu jinghad li huwa principju ormai stabbilit li l-istitut ta' r-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Hekk fil-kawzi fl-ismijiet **"Gerald Desira et vs Joseph Barbara"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2011) u **"Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe"** (A.C. - 12 ta' Mejju 2003) gie osservat li *"dan l-istitut huwa*

*meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.371) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818), 'non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale' (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et. Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)".*

Illi ulterjorment, fil-kawza fl-ismijiet **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. - 18 ta' April 1958 (Vol. XLII.i.227)) il-Qorti osservat ukoll li "ma *jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk (...) jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"*

Illi dawn il-principji gew ikkonfermati u re-affermati konstantament fil-gurisprudenza nostrali tant li fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008); **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. – 29 ta' Jannar 2010) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandhu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib*

*bhala konsegwenza logika li rregoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi l-Qrati taghna gew diversi drabi affaccjati b'talbiet simili a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f'dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f'dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f'dan l-ambitu hija **"Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited"** (A.C. – 14 ta' Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

*"In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta' ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f'dan l-istadju m'ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per unica base il fatto come stabbilito dalla Corte della sentenza impugnata." [Vol. XXVII.I.43)".*

Illi hu stabbilit illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. *"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti."*

*"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew vvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata".*

*“Ikun hemm lok ta’ interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b’mod hazin.”* (sottolinear tal-Qorti).

Illi f’dan is-sens hemm serje ta’ sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **“Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar”** (A.C. - 6 ta’ April 2005); **“Alfred Grech et vs Joseph Muscat et”** (A.C. - 28 ta’ Jannar 2005); **“Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe”** (A.C. – 24 ta’ Settembru 2004); **“Guido Vella J A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai”** (A.C. 27 ta’ Marzu 2003); **“Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd”** (A.C. - 2 ta’ Gunju 2003); **“Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe”** (A.C. - 10 ta’ Ottubru 2003); u **“Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius”** (A.C. - 24 ta’ Novembru 2003).

Illi hekk ukoll fil-kawza **“Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et”** deciza fl-24 ta’ Jannar 1997 il-Qorti tal-Appell qalet a propositu li:-

*“Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta’ ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati. ………. Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta’ dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tall-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti.”*

Illi konsistentement ma’ dan il-Qrati Maltin dejjem irritenew illi sabiex tregi kawza ghal ritrattazzjoni taht l-**artikolu 811 (e)** ma jistghux jigu ezaminati l-fatti mill-gdid. Fil-kaz, **“Dr. Alfred Grech et vs Joseph Muscat et”** ( A.C. 28 ta’ Jannar 2005) (Rikors 392/1993), inghad kif gej:-

*“Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza*

*attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha propjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok qhal ritrattazzjoni fug dan il-motiv, irid jitwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina qhall-kaz, u mhux li applikat il-liqi t-tajba b'mod hazin"*

Illi minn dan kollu jirrizulta li r-ritrattazzjoni mitluba a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** ma ghandhiex isseri bhala bazi ta' appell iehor ghaliex l-istitut ta' ritrattazzjoni m'huwiex intiz li jservi bhala stadju iehor ta' appell jew biex jitqajmu fih eccezzjonijiet addizzjonali mill-intimati. Dan gie ripetut kostantement mill-gurisprudenza taghna fost ohrajn fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella nomine"** moghtija fl-10 ta' Ottubru 2003:-

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma* res iudicata pro veritate habetur. *Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza* ***<u>li mhux permess mil-ligi".</u>***

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami jirrizulta li dan il-kaz jirrigwarda denunzji ta' stimi li r-ritrattat kien ghamel ghas-Snin ta' Stima 1987 sa 1990, u fuq id-dhul dikjarat saru stimi mill-Kummissarju datati 15 ta' Settembru 1994 (fol. 20 sa 27 tal-process) u dawn

intbaghtu lill-taxpayer, ghalkemm ir-ritrattat dejjem cahad li ircieva tali stimi; wara saret ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005 u r-ritrattrat oppona ghall tali procedura b'rikors opportun datat 3 ta" Mejju 2005 fejn huwa ecceppixxa li l-ammont kien preskritt a bazi tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap. 372.** Minn naha tieghu ir-ritrattand odjern ecceppixxa li t-talba mhux preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 (4) tal-Kap. 372** li jipprovdi li:-

*"Meta azzjoni msemmija fis-subartikolu (2) jew (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru, 2003, jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni tal-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, mghax jew penali tista' titiehed sal-31 ta' Dicembru 2005".*

Illi b'sentenza datata 10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana"** (A.I.C. – PS) din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti, ir-ritrattat odjern, ghaliex sostniet li l-azzjoni kienet preskritta skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 (2)** ghaliex it-terminu hemm indikat ta' tmien snin kien gja skada qabel ma' giet prezentata l-ittra ufficjali tas-sena 2005, u **l-artikolu 47 (4)** ma setax jigi applikat ghal dan kien gie introdott bl-**Att II ta' l-2004** biex jaghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min, fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassikura l-hlas debitu, u b'hekk dak li kien qed jigi propost kien applikazzjoni retroattiva' ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverrat ruhha taht il-ligi, qabel is-sehh tad-disposizzjoni aggiuntiva, u dan ma huwiex ragonevoli u wisq anqas accettabbli u l-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu kien imur kontra il-principji generali ta' korrettezza u tal-buona fede li dejjem ghandhom japplikaw bejn il-kontribwent u l-fisco u dan l-aspettattiva ta' dan il-principju iwassal ghall- affidament fuq l-istat tal-ligi fis-sehh li jinvolvi li ma ghandhomx jigu ntrodotti disposizzjonijiet retroattivi ghall-fatti anterjorament verifikati taht l-istat tal-ligi u dan in omagg tal-principju tac-certezza tad-dritt li huma wkoll principji generali fil-ligi komunitarja kif indikati f'para. 13 tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Ottubru 1987 fil-kaz **"Kolpinghuis**

**Nijmegen B.V. (Kaz. Nru. 80/86).** Minn hawn il-Qorti addiet li sostniet li l-imsemmi **artikolu 47 (4)** ma setghax jigi applikat ghaliex dan kien intiz sabiex jinnewtralizza dak li kien gja sehh, favur ir-ritrattat, u dan minhabba id-deficenzji li sehhu, b'mod li din id-disposizzjoni giet introdotta u *"harsien rigidu u esklussiv tal-fisco"* u dan wara li jirrizulta li l-azzjoni kontra t-taxpayer kienet gja preskritta, u allura kien hemm ukoll dritt akkwist da parte tal-istess ritrattat, minhabba li l-azzjoni kontra tieghu kienet gja preskritta kontra tieghu skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap. 372** bid-dekors ta' tmien (8) snin.

Illi r-ritrattand isostni li (a) li l-Qorti naqset li tapplika l-**artikolu 47 (3) tal-Kap. 372** ghaliex qed isostni li kienet inbaghatet nota skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 44 (1) (b)** li allura kienet waqfet it-terminu ta' azzjoni stabilit fl-**artikolu 47 (2) tal-Kap. 372** li gia applikat mill-Qorti u dan meta hija accettat ix-xhieda ta' Ludgardo Mercieca li l-istimi kienu hargu u gew notifikati fil-1994; (b) il-Qorti assumiet il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-principju tac-certezza tad-dritt ghandu jwassal sabiex tigi applikata l-ligi, u l-punti kostituzzjonali dwar ksur allegat ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom jithallew fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali jew Prim Awla (Sede Kostituzzjonali); (c) Il-Legislatur ghandu dritt jillegisla sabiex itawwal iz-zmien meta ghandu jiehu azzjoni – u dan meta ma hemm xejn anti-kostituzzjonali meta jasal biex jaghmel dan; (d) il-Qorti applikat il-ligi hazin ghaliex la darba l-preskrizzjoni hija *"mod ta' tehid ta' proprjeta' minghajr il-kumpens u dan b'interferenza mad-dritt tal-proprjeta' li huwa ukoll dritt fondamentali,* u ghalhekk jinghad li l-Qorti ma kellhiex tikkonsidra il-preskrizzjoni bhalieku kienet xi dritt fondamentali u tapplika l-ligi abbazi ta' tali premessa.

Illi din il-Qorti thoss li fil-fatt dak li li r-ritrattandi qed jaghmel huwa biss li jinterponi appell mis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta u dan ghaliex r-rikors odjern huwa msejjes fuq interpretazzjoni tal-ligi li tat l-istess Qorti u dan huwa espressament projbit li jsir taht il-*proviso* tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.** Ma hemmx dubju li l-**artikolu 47 (2)**

kien l-artikolu li abbazi tieghu sar ir-rikors promotorju li wassal ghas-sentenza hawn ritratta u kien fuq dan l-artikolu li l-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li rat id-disposizzjonijiet kollha tal-**artikolu 47 tal-Kap. 12,** anke dak citati mir-ritrattand konsistenti fis-subartikolu (4) u dawk illum citat konsistenti fis-subartikoli (2) u (3). Mela fuq din il-bazi l-aggravji fuq indikati bhala (b) (c) u (d) qed jigu michuda ghaliex kompletament insostenibbli f'dawn il-proceduri u dan peress li dawn qed jittrattaw l-ligi kif effettivament interprettata mill-Qorti.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li ma hemmx dubju li dan gie wkoll gie trattat mill-Qorti u dan anke fl-applikazzjoni tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap. 372,** li necessarjament jiehu konjizzjoni ta' dak indikat fl-**artikolu 47 (3) tal-istess.** Mill-bqija l-allegata prezentata tan-nota a bazi tal-**artikolu 44 (1) (b) tal-Kap. 372** huwa punt ta' fatt, li certament ma jaqax taht il-binarju tat-talba ta' ritrattazzjoni kif saret u imposta llum mir-ritrattand.

Illi apparti dan jinghad li fuq il-principji legali esposti fis-sentenza mertu tal-kawza odjerna dawn gew ikkunsidrati fuq principji generali tad-dritt u kkonfermati b'sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fosthom dawk fl-ismijiet **"Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Frank Fenech Camilleri et"** (P.A. (LFS) – 19 ta' Frar 2008); **"Emmanuel Zammit vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (P.A. (LFS) – 5 ta' Marzu 2007); **"Il-Kummisarju tat-Taxxi Interni vs Carmel Deguara"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2008); **"Anthony Frendo vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (P.A. (LFS) – 24 ta' Gunju 2008); u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Emmanuel Zammit vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** deciza fid-29 ta' Mejju 2009.

Illi allura l-punt li l-kaz deciz fuq punti ta' indoli ta' natura kostituzzjonali dwar drittijiet fundamentali ta' bniedem li huma ta' kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Prim Awla fis-Sede Kostituzzjonali taghha lanqas huwa korrett; ghalkemm jinghad li l-istess ritrattand minkejja dan jasal sabiex jirreferi ghall-tali drittijiet – b'mod li ovvjament qieghed jikkontradixxi lilhu nnifsu – apparti l-fatt li din il-

Qorti ma taqbilx mal-argument kif mressaq mir-ritrattand, u dan taht l-ebda aspett legali, huwa x'inhu.

Illi ghalhekk it-talba tar-ritrattand qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tar-ritrattat datata 23 ta' April 2007 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-ritrattand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fir-rikors tieghu datat 10 ta' April 2007** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand il-Kummissarji tat-Taxxi Interni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------